# Kumitat Amministrattiv SWATAR
**Kunsilli Lokali ta' Birkikara u L-Imsida**

# Minuti

## Seduta Nru. 3/2010

Data: It-Tnejn, 30 ta' Awwissu 2010

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – Chairperson
John Mary Zahra – Viċi Chairperson
Jane (Yvonne) Spiteri – Membru
Mario Xuereb – Membru
Rudolph Cini – Membru
Michael Fenech Adami – Sindku Birkirkara
Margaret Baldacchino Cefai – Viċi Sindku L-Imsida
Christopher Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

---

## AĠENDA

1. Talba
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti mqajma mill-Minuti
4. Korrispondenza
5. Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kumitat
6. Konfini tas-Swatar
7. Memo 95/2010 – Skema dwar inizjattiva ta' attivitajiet 2011
8. Komunikazzjoni miċ-Chairman
9. Affarijiet Oħra
10. Aġġornament

---

## Kontenut

Annex A Minuti 3/2010

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Annex A**

**Minuti 3/2010**

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tas-Seduta 2/2010 li saret nhar it-2 ta' Awwissu 2010, kienu tqassmu u ttieħdu bħala moqrija. Kien hemm xi korrezzjonijiet ta' ortografija u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

3.0 **Fuq item 4.2** – Is-Segretarju spjega li l-linji s-sofor tneħħew u minflokhom ser isiru parking bases aktar 'l quddiem. Double Yellow Lines

3.1 **Fuq item 4.3** – Is-Segretarju spjega li l-persuna li għamlet l-ilment għada ma marritx il-Kunsill biex ikunu jistgħu jittieħdu d-dettalji kemm tagħha kif ukoll ta' l-ilment. *Sleeping Police*

3.2 **Fuq item 4.4** – Iċ-*Chairperson* qalet li kellmet mar-residenta li toqgħod fi Triq Paul Borg Olivier fejn ser jitwaħħlu mall-faċċata tad-dar tagħha il-fanal *wall hanging* kif ukoll il-*wires* li ser jinqalgħu meta jitneħħa l-arblu. Ir-residenta qalet li kellmet lir-raġel fuq din il-materja u għadu qed jaħsibha. Ir-residenta staqsiet ukoll liċ-*chairperson* jekk mhux possibbli li l-*wires* jitwaħħlu mall-faċċata l-oħra. Iċ-*Chairperson* wieġbet li din ma tistax issir. Arblu u Fanal *Wall Hanging.*

3.2.1 Is-Sur Michael Fenech Adami issuġġerixxa li l-Kumitat għandu jiċċekkja ma l-enemalta jekk dan l-arblu ma kienx temporanju u f'dak il-każ inħallu lill-enemalta jsibu s-soluzzjoni huma.

3.3 **Fuq item 4.5.1** – Is-Sur Rudolf Cini spjega li ta' spiss xi ħadd qed jitfa l-ilma maħmuġ tal-bjut u jibqa' ħiereġ fit-triq b'konsegwenza li jkun ta' periklu kemm għax iġib l-insetti u kif ukoll minħabba li jista jkun fih sapun fejn wieħed jista jiżloq. Ilma ħiereġ mill-Flats.

3.3.1 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-katusa minn fejn dan l-ilma ħiereġ barra hija skont il-liġi.

3.3.2 Is-Segretarju qal li ħaddiem tal-Kunsill Lokali Birkirkara mar fuq il-post u hu tal-fehma li din il-katusa li għaddejja minn taħt il-bankina qed tarmi ilma li jkun ġej minn xi bitħa jew bejt. Il-qlib tagħha huwa tajjeb li ma tħallix għadira quddiem il-katusa. Din hija skont il-liġi għax m'għadhomx isiru diretti mad-*drainage*. Jista jkun li xi drabi jaħslu l-bejt jew bitħa b'xi sapun u dan jidher ikraħ kif joħrog mill-katusa. Dan

il-każ m'għandux jgħaddi għand il-WSC jew ebda entita oħra għax m'hemmx ħsarat involuti.

3.3.3 Is-Sinjura Maragaret Baldacchino Cefai issuġġeriet li dan il-każ għandu jgħaddi għand is-sanità u jiċċekkjaw huwa.

3.3.4 Il-Kumitat qabel unanimament ma' din id-deċiżjoni.

3.4 **Fuq punt 4.6** – Iċ-*Chairperson* qalet li dan il-punt għandu jitqajjem meta jasal is-Sindku ta' L-imsida.

*Traffic management* fi Triq Gużè Ellul Mercer.

3.5 **Fuq punt 8.2** – Is-Segretarju qal li l-applikazzjoni tal-proġett ta' tisbiħ u manutenzjoni tal-bandli tas-Swatar intbagħtet lid-Dipartiment. Wara l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, l-istima ġiet emendata u reġgħet intbagħtet peress li kienu wasslu l-istimi kollha mingħand il-kuntratturi. Is-Segretarju kompla jgħid li meta l-Kumitat kellu laqgħa ma' l-Onor Dr Chris Said, Dr Said qal lill-Kumitat li huwa ferm importanti li l-Kumitat jiżgura li x-xogħolijiet li ser isiru jkunu skont l-*istandards*.

Proġett – Bandli tas-Swatar

3.6 **Fuq punt 5.4** – Iċ-*Chairperson* staqsiet jekk it-taraġ ta' Valley Road jaqax taħt il-Kunsill jew il-Gvern Ċentrali.

Valley Road

3.6.1 Is-Sur Michael Fenech Adami irrisponda li la darba l-ispiża ma tkunx għolja, ix-xogħol jista jsir sabiex jitranġa dan it-taraġ. Is-Sur Fenech Adami issuġġerixxa li jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill u ssir stima imbagħad jiddeċiedi l-Kumitat jekk ma jridx isewwi dan it-taraġ.

3.6.2 Il-Kumitat qabel unanimament ma' din il-proposta.

3.7 **Fuq punt 9.2** – Is-Segretarju qal li għadu ma bagħatx l-ittra lid-Dipartiment u għaldaqstant qed jistaqsi lill-Kumitat jekk hux il-każ li r-residenti tas-Swatar jiġu notifikati x'inhu l-indirizz eżatt tagħhom peress li hemm il-possibbilta li l-ID Cards il-ġodda joħorġu bi Swatar biss.

Konfini / Ittri lir-residenti kollha taż-Żona.

** Is-Sur Jimmy Zahra ħareġ mill-laqgħa fis-6:30pm minħabba mpenji oħra.*

3.7.1 Is-Sur Mario Xuereb irrisponda li għalissa aħjar jinbagħtu l-ittri peress li għadu mhux magħruf meta ser jinbiddlu l-ID Cards u dan jista jdum ħafna.

3.7.2 Is-Sur Fenech Adami issuġġerixxa li lir-residenti għadhom jiġu notifikati bil-kodiċi postali wkoll.

3.7.3 Is-Sinjura Yvonne Spiteri issuġġeriet li dan il-proċess għandu jsir wara li jiġu stabbiliti l-konfini.

3.7.4 Is-Sur Fenech Adami issuġġerixxa li l-Kumitat għandu jitlob mappa kbira tas-Swatar u, f'laqgħa apparti minn dik tal-Kumitat jiġu stabbiliti

l-konfini. Is-Sindki taż-żewġ Kunsilli għandhom ikunu preżenti wkoll. Imbagħad wara jintbagħtu l-ittri.

3.7.5 Il-Kumitat qabel unanimament.

3.8 **Fuq punt 10.2** – Is-Segretarju qal li dan l-ilment intbagħat lill-Kunsill Lokali L-Imsida u s-Segretarju tal-Imsida rrisponda li bagħat ittri u *notices* formali lill-*Court Administrator* tal-flats sabiex dawn l-avviżi jitwaħħlu fil-flats. Little Gozo Flats

3.8.1 Is-Sur Mario Xuereb irrimarka li diġa avviċinawħ xi residenti tal-flats u rringrazzjaw lill-Kumitat talli qed jieħu ħsieb din il-problema.

3.9 Iċ-*Chairperson* qalet li t-tabella ta' direzzjoni tat-traffiku li kellha titwaħħal quddiem il-parking area tal-Knisja ta' San Ġorġ Preca, għadha ma twaħħlitx għalkemm ila li rrappurtata xahar u nofs ilu. Is-Segretarju qal li l-Kunsill ta' Birkirkara ordna din it-tabella iżda bħalissa l-kuntrattur qiegħed bix-*shutdown*. Tabella quddiem il-Knisja ta' San Ġorġ Preca

3.9.1 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li ser jiċċekkja fuqha.

# 4. Korrispondenza

4.1 Is-Segretarju qara ilment li s-Sur Mario Xuereb irċieva minngħand is-Sur Daniel Magrin fejn qed jilmenta li meta tkun ix-xita, l-ilma jaqbeż il-bankina b'konsegwenza li jibqa' dieħel fis-semi basement garaxx tiegħu. Ilment tas-Sur Daniel Magrin.

4.1.1 Is-Sur Michael Fenech Adami issuġġerixxa li s-Sur Magrin iġib lill-Kumitat rapport mill-perit tiegħu sabiex ikollu id-dettalji u wara jiddeċiedi. Il-Kumitat qabel unanimament mal-proposta.

4.2 Iċ-*Chairperson* spjegat li *f'roundabout* quddiem it-Triq P. Borg Olivier qed joħroġ xi ilma. *Roundabout* quddiem it-Triq P. Borg Olivier

4.2.1 Il-Kumitat iddeċieda li jittieħdu d-dettalji kollha u jintbagħtu lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

4.3 Iċ-*Chairperson* qalet li fis-Swatar hemm ħafna toroq li ż-żebgħa tas-sinjali tat-toroq mhux qegħdin jidhru. Żebgħa tas-sinjali tat-toroq

4.3.1 Il-Kumitat iddeċieda li l-ilment jintbagħat lill-Kunsill ta' Birkirkara kif ukoll lil tal-Imsida u fejn hemm bżonn, jerġgħu jinżebgħu is-sinjali.

4.4 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li jekk il-Kumitat ma jiddeċidix issa fuq il-Proġett tas-Sisla, hemm sogru li jintilef iċ-ċans ta' l-applikazzjoni ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja. Proġett tas-Sisla

4.4.1 Is-Sur Fenech Adami spjega kif ser jitqassam il-Proġett tas-Sisla skont il-pjanta li s-Segretarju qassam lill-Kumitat kollu b'email qabel il-

laqgħa.

4.4.2 Iċ-*Chairperson* irrimarkat li dan il-proġett jidher sabiħ ħafna iżda tixtieq li jkun hemm ċans li jitħalla post fejn jinbena bħall-per eżempju ċentru ċiviku, jew anki dar għall-anzjani/persuni bi bżonnijiet speċjali jew issir xi ħaġa għall-komunita' għax iż-żona tas-Swatar nieqsa minnhom.

4.4.3 Is-Sur Fenech Adami irrisponda li jaf ikun ferm diffiċli li joħroġ permess ta' bini. Barra minn hekk, aħjar il-Kumitat jaħseb fil-preżent u mhux f'affarijiet li jistgħu iseħħu xi 4 snin oħra.

4.4.4 Is-Sinjura Yvonne Spiteri issuġġeriet li f'parti żgħira tal-ġnien tinbena *clubhouse* u din tkun tista sservi għall-użu tal-Kumitat.

4.4.5 ** Is-Sur Jimmy Zahra reġa ġie l-laqgħa fis-7:15pm.*

4.4.6 Is-Sur Michael Fenech Adami issuġġerixxa li l-ewwel, il-Kumitat jaqbel fil-kunċett li jsir ġnien u *playingfield* kif hemm fil-pjanta, imbagħad għad-dettalji jew tibdil fil-pjanta jiġu diskussi aktar 'l quddiem.

4.4.7 Is-Sur Rudolph Cini jaqbel mal-proġett u mal-kunċett ta' *open space* għax fis-Swatar bini biss hemm u għallura hemm bżonn naqra ftuħ.

4.4.8 Il-Kumitat iddeċieda li l-Kunsill ta' Birkirkara japplika għall-proġett tas-Sisla kif indikat fil-pjanta u d-dettalji ta' kif ser jitqassam il-proġett jiġu diskussi wara.

## 5. Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kumitat

5.1 Is-Segretarju spjega li għadu qed jiddiskuti mas-Segretarji taż-żewġ Kunsilli u ma l-*Accountants* għax hemm xi problemi ta' figuri li jridu jiġu solvuti. Peress li din hija xi ħaġa ġdida, ma tistax issir malajr. Kif qal lill-Kumitat l-Onor Dr Chris Said, is-Segretarju ser jiddiskuti wkoll mad-Dipartiment. Allokazzjoni Finanzjarja

5.1.1 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kumitat m'għandux jinħela fuq kemm ser jieħu bħala finanzi għax li għandu jsir xorta jrid isir. Mill-Kunsill jew mill-Kumitat xorta irid jitħallas.

## 6. Konfini tas-Swatar

6.1 Irreferi għall-punt 3.7.4.

## 7. Memo 95/2010 – Skema dwar inizjattiva ta' attivitajiet 2011

7.1 Waqt il-laqgħa li l-Kumitat kellu ma l-Onor Dr Chris Said, l-Onor Dr Chris Said ikkonferma li kultura ma tfissirx biss xi ħaġa tipikament Attaivita ghas-sena 2011

Maltija tal-passat. Is-Swatar, peress li hija żona ġdida, tista ssir attivita' moderna b'ħafna affarijiet immirati għaż-żagħżagħ.

7.1.1 Is-Sur Rudolph Cini ħareġ bl-ideja ta' attivita' li jisimha 'Saħħtek fis-Swatar' fejn barra li jkun hemm *stands* informattivi, jkun hemm ukoll logħob għall-kullħadd bħal *treasure hunts* eċċ.

7.1.2 Is-Sur Michael Fenech Adami ssuġġerixxa li flok il-Kunsill ta' Birkirkara japplika waħdu għall-attivita', din l-attivita' ssir is-Swatar pero tkun organizzata flimkien mal-Kunsill ta' Birkirkara u b'hekk din l-attivita tkun akbar.

7.1.3 Il-Kumitat iddeċieda li l-applikazzjoni għall-iskema timtela mis-Sur Rudolph Cini flimkien mas-Sur Fenech Adami u s-Sinjura Mary Rose Mifsud u tintbgħat minnhom.

7.2 ** is-Sur Mario Xuereb telaq mill-laqgħa fis-7:35pm minħabba mpenji oħra.*

## 8. Komunikazzjoni miċ-Chairman

8.1 Iċ-*Chairperson* staqsiet lis-Sur Michael Fenech Adami jekk għadhomx jiffunzjonaw is-sotto kumitati tas-Swatar. Din il-mistoqsija staqsieta peress li mhux sew li s-sotto kumitati jieħu deċiżjonijiet mingħajr ma jkun jaf il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar. Sotto Kumitati

8.1.1 Is-Sinjura Yvonne Spiteri qalet li jekk il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar huwa responsabbli mhux sewwa li xi ħadd ieħor jieħu deċiżjonijiet li imbagħad jidher il-Kumitat tas-Swtar li għamilha.

8.1.2 Is-Sur Michael Fenech Adami irrisponda li hemm sotto kumitat iżda mhux qed jiffunzjona.

8.1.3 Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai qalet illi s-sotto kumitat li kien jieħu ħsieb is-Swatar minn naħa tal-Kunsill Lokali L-imsida ġie xolt.

8.2 Ic-*Chairperson* qalet li l-Kumitat għandu jgħin liż-żagħżagħ tas-Swatar sabiex japplikaw għall-Kunsill taż-żagħżagħ. Kunsill taż-żagħżagħ

8.2.1 Il-Kumitat iddeċieda li l-formola tinbagħat liż-ZAK sabiex huma japplikaw.

8.3 Rigward il-Kampanja iċ-*Chairperson* spjegat eżatt x'ser tinvolvi din il-Kampanja. Din il-Kampanja ser tkun fuq *Basic Life Support*. Kull min ikun interessat, dan ser imur kors ta' 4 siegħat fejn ser jitgħallem fuq BSL. Fl-aħħar tal-kors, dan ser jingħata ċertifikat rikonoxxut ma' l-Ewropa li jservi għall-3 Snin. Il-Kampanja għandha tibda bil-parteċipazzjoni tal-Kunsilliera kollha ta' Malta u Għawdex u jinfirex għall-pubbliku kollu. Biex dan iseħħ, għandna bżonn l-għajnuna tas-Segretarju Parlamentari kif ukoll tad-Dipartiment. Meta l-Kumitat kellu Kampanja BSL

l-laqgħa ma' Onor Dr Chris Said, Dr Said qal lill-Kumitat sabiex jibgħat il-proposti tiegħu sabiex il-Ministeru jara kif tista tiġi pubbliċizzata.

8.4 Ic-*Chairperson* qalet li tkellmet ma' l-Assistent Kummissarju Michael Cassar sabiex issir attivita fit-2 ta' Novembru 2010 li tissejjaħ '*Traffic Awarness Day*'. Din l-attivita mhux ser tinvolvi spejjeż. Attivita' '*Traffic Awareness Day*'

8.4.1 Il-Kumitat iddeċieda li fil-laqgħa li jmiss, ic-*Chairperson* u s-Sinjura Yvonne Spiteri, jippreżentaw programm u d-dettalji ta' din l-attivita' sabiex il-Kumitat ikun jista jiddeċiedi.

## 9. Affarijiet Oħra

9.1 Is-Sur Michael Fenech Adami qal lill-Kumitat li jekk il-Kumitat ikollu bżonn xi *flyers* jew kopji sabiex iqassamhom lir-residenti tas-Swatar kollha, il-Kunsill ta' Birkirkara jista joffrihom lill-Kumitat għax għandu l-apparat kollu meħtieġ. Flyers

9.2 Is-Sinjura Yvonne Staqsiet lis-Sur Fenech Adami jekk il-Kunsill għandux ir-rotot ġodda tat-trasport pubbliku peress li meta il-Kumitat tas-Swatar kellu l-laqgħa ma' l-Onor Dr Chris Said, l-Onor Dr Chris Said qal lill-Kumitat li l-lista tar-rotot ġodda qegħda għand il-Kunsilli Lokali. Rotot Ġodda tat-Trasport Pubbliku

9.2.1 Is-Sur Fenech Adami kif ukoll is-Sinjura Cefai qalu lill-Kumitat li ser jiċċekkjaw mal-Kunsill rispettiv tagħhom u jibgħatu risposta.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8:00pm għat-Tnejn 4 ta' Ottubru 2010 ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

____________________ ____________________

Chairperson, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| **3.3.3** | **Fuq item 4.5.1 –** Ilma ħiereġ mill-Flats | Is-Sinjura Maragaret Baldacchino Cefai issuġġeriet li dan il-każ għandu jgħaddi għand is-sanità u jiċċekkjaw huwa. | Aġent Segretarju, Swatar |
| **3.4** | **Fuq item 4.6 -** *Traffic management* fi Triq Guże Ellul Mercer. | Iċ-*Chairperson* qalet li dan il-punt għandu jitqajjem meta jasal is-Sindku ta' L-imsida. | Dan il-punt jitqajjem fil-laqgħa li jmiss peress li s-Sindku ta' L-imsida ma attendiex il-laqgħa. |
| **3.6** | **Fuq punt 5.4** - Valley Road | Is-Sur Fenech Adami issuġġerixxa li jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill u ssir stima imbagħad jiddeċiedi l-Kumitat jekk ma jridx isewwi dan it-taraġ. | Kunsill Lokali Birkirkara |
| **3.7** | **Fuq punt 9.2 -** Konfini / Ittri lir-residenti kollha taż-Żona. | Is-Sur Fenech Adami issuġġerixxa li l-Kumitat għandu jitlob mappa kbira tas-Swatar u, f'laqgħa apparti minn dik tal-Kumitat jiġu stabbiliti l-konfini. Is-Sindki taż-żewġ Kunsilli għandhom ikunu preżenti wkoll. Imbagħad wara jintbagħtu l-ittri. | Aġent Segretarju, Swatar |
| **3.9** | Tabella quddiem il-Knisja ta' San Ġorġ Preca | Is-Sur Michael Fenech Adami qal li ser jiċċekkja fuqha. | Kunsill Lokali Birkirkara |
| **4.1** | Ilment tas-Sur Daniel Magrin. | Is-Sur Michael Fenech Adami issuġġerixxa li s-Sur Magrin iġib lill-Kumitat rapport mill-perit tiegħu sabiex ikollu id-dettalji u wara jiddeċiedi. Il-Kumitat qabel unanimament mal-proposta. | Aġent Segretarju, Swatar |
| **4.2** | *Roundabout* quddiem it-Triq P. Borg Olivier | Il-Kumitat iddeċieda li jittieħdu d-dettalji kollha u jintbagħtu lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. | Aġent Segretarju, Swatar |
| **4.3** | Żebgħa tas-sinjali tat-toroq | Il-Kumitat iddeċieda li l-ilment jintbagħat lill-Kunsill ta' Birkirkara kif ukoll lil tal-Imsida u fejn hemm bżonn, jerġgħu jinżebgħu is-sinjali. | Aġent Segretarju, Swatar |

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| **4.4** | Proġett tas-Sisla | Il-Kumitat iddeċieda li l-Kunsill ta' Birkirkara japplika għall-proġett tas-Sisla kif indikat fil-pjanta u d-dettalji ta' kif ser jitqassam il-proġett jiġu diskussi wara. | Kunsill Lokali Birkirkara |
| **7.1** | Attaivita għas-sena 2011 | Il-Kumitat iddeċieda li l-applikazzjoni għall-iskema timtela mis-Sur Rudolph Cini flimkien mas-Sur Fenech Adami u tintbgħat minnhom. | Kunsill Lokali Birkirkara |
| **8.2** | Kunsill taż-żagħżagħ | Il-Kumitat iddeċieda li l-formola tinbagħat liż-ZAK sabiex huma japplikaw. | *Chairperson*, Swatar |
| **8.4** | Attivita' '*Traffic Awareness Day'* | Il-Kumitat iddeċieda li fil-laqgħa li jmiss, ic-*Chairperson* u s-Sinjura Yvonne Spiteri, jippreżentaw programm u d-dettalji ta' din l-attivita' sabiex il-Kumitat ikun jista jiddeċiedi. | *Chairperson*, Swatar |
| **9.2** | Rotot Ġodda tat-Trasport Pubbliku | Is-Sur Fenech Adami kif ukoll is-Sinjura Cefai qalu lill-Kumitat li ser jiċċekkjaw mal-Kunsill rispettiv tagħhom u jibgħatu risposta. | Kunsill Lokali Birkirkara<br>Kunsill Lokali L-imsida |